MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 922/2006

**Talba Nru: 922/06PBC**

**Middlesea Insurance p.l.c. (C 5553)**

**Vs**

**Sand and Gravel Limited (C-337)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' elf mija u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,170.20c) rapprezentanti prezz ta' diversi *premia* u

bolli dovuti fuq poloz ta’ assigurazzjoni mahruga mill-kumpanija attrici fuq ordni tal-kumpanija konvenuta stess u dan skond *statement of account* esebit ma’ l-atti tal-kawza.
Minkejja li l-kumpanija konvenuta giet interpellata biex thallas diversi drabi anki permezz ta’ ittra ufficjali fil-5 t’April, 2006 a tenur ta’ l-Artikolu 166(A) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija baqghet inadempjenti.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet illi s-socjeta’ attrici hija debitrici tas-socjeta’ konvenuta ghas-somma li taccedi t-tlett elef lira Maltin (Lm3,000) rapprezentanti *settlement* ta’ *claims* maghmula mis-socjeta’ konvenuta taht poloz mahruga mis-socjeta’ attrici. Illi s-socjetajiet partijiet fil-kawza odjerna ilhom zmien jesploraw il-possibbilta’ li jittransigu dawn il-*claims* liema transazzjoni kienet tikkomprendi *premia* relatati ma’ l-istess *claims* izda l-attrici ghazlet li tintavola dawn il-proceduri intempestivament u ghalhekk il-konvenuta m’ghandhiex tbati spejjez ghal din l-istanza. Illi s-socjeta’ konvenuta qatt ma giet interpellata dwar il-mertu jew notifikata b’ittra gudizzjarja taht l-Artikolu 166(A) tal-Kap. 12 u ghalhekk m’ghandhiex tbati spejjez taghha. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi bil-ligi u bl-ispejjez.

Sema’ x-xhieda ta’ Rose Desira u ta’ Patrick Muscat.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Ra li l-konvenuti naqsu milli jipproducu provi fis-seduta tat-2 ta’ Marzu, 2007 u li minkejja li l-kawza giet differita ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza, ma gie ntavolat ebda Rikors li permezz tieghu ntalab li tigi sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi t-talba attrici tikkoncerna s-segwenti *premia* dwar assigurazzjonijiet li hargu fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta u cjoe’:

| **Numru ta' Registrazzjoni tal-Vettura** | **Perjodu kopert** | **Ammont dovut** |
|---|---|---|
| LAG-072 | 01/12/03 - 31/12/03 | Lm 15.34 |
| AAC-887 | 01/02/04 - 31/01/05 | Lm 164.65 |
| AAC-889 | 01/02/04 - 31/01/05 | Lm 153.90 |
| JAT-295 | 19/02/04 - 31/10/04 | Lm 50.80 |
| IAA-147 | 20/01/04 - 30/09/04 | Lm 90.74 |
| $-2583 | 01/02/04 - 01/02/05 | Lm 100.60 |
| CAE-303 | 19/02/04 - 31/03/04 | Lm 20.33 |
| CAE-303 | 01/04/04 - 31/03/05 | Lm 138.10 |
| ABD-253 | 22/03/04 - 31/01/05 | Lm 104.58 |
| ABD-249 | 22/03/04 - 31/01/05 | Lm 104.58 |
| ABD-252 | 22/03/04 - 31/01/05 | Lm 104.58 |
| BBF-431 | 22/03/04 - 28/02/05 | Lm 122.00 |
| **Total** | | **Lm 1,170.20** |

Illi mill-provi jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta m'hijiex qeghda tikkontesta l-fatt li tali *premia* huma dovuta izda qeghda ssostni illi dan l-ammont ghandu jigi pacut (set-off) kontra *claim* akbar li hija ghandha kontra s-socjeta' attrici mhux mertu tal-*policies* in kwistjoni izda xi *policy* antecedenti. Mill-provi jirrizulta wkoll illi kienu qed isiru d-diskussjonijiet bejn il-partijiet u sahansitra gew esebiti ittri li ntbaghtu mis-socjeta' attrici bejn il-21 ta' Lulju, 2004 u t-13 t'Ottubru, 2005 li fl-ahhar ittra jidher li s-socjeta' attrici offriet li thallas lis-socjeta' konvenuta somma komplessiva ftit aktar minn hamest elef u erba' mitt lira Maltin (Lm5,400) izda din l-offerta baqghet miftuha sat-18 t'Ottubru, 2005 wara liema data giet meqjusa bhala rtirata u ghalhekk minn dak il-mument 'il quddiem ma jistax jinghad li kien hemm xi tentattivi ulterjuri ta' transazzjoni bejn il-partijiet.

Jigi nnotat illi l-kawza odjerna giet istitwita fis-6 ta' Dicembru, 2006 u ghalhekk saret tempestivament.

Illi galadarba ‘l fuq imsemmija offerta giet irtirata ma jistax jinghad li hemm kreditu cert, likwidu u dovut mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta u konsegwentement ma tistax topera t-tpacija kif tixtieq li jsir is-socjeta’ konvenuta pero’ b’danakollu, t-Tribunal ihoss li ghandha ssir riserva favur is-socjeta’ konvenuta jekk jidhrilha li ghandha xi pretenzjonijiet ulterjuri fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati mis-socjeta’ konvenuta, jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas is-somma ta’ elf mija u sebghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,170.20c) bl-interessi li jibdew jiddekorru mis-6 ta’ Dicembru, 2006 u bl-ispejjez tal-kawza (pero’ mhux inkluz l-ispejjez ta’ l-ittra ufficjali tal-5 t’April, 2006 stante li ma giet esebita l-ebda kopja ta’ l-istess ittra ufficjali u m’huwiex pruvat li din giet debitament notifikata). B’dan ukoll illi qeghda ssir riserva favur is-socjeta’ konvenuta dwar kwalsijasi pretenzjoni li jidhrilha li jista’ jkollha fil-konfront tas-socjeta’ attrici fir-rigward ta’ *claims* li ghadhom ma thallsux.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------